MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 832/2001/1

**Vincent Brincat ezercenti taht l-isem Infocus Promotions**

**vs**

**Anna Caruana ezercenti taht l-isem Plus Sizes**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta’ Lulju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-1 ta’ Ottubru, 2001, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lill-attur is-somma ta’ erbat elef, seba’ mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4716.78) -

bilanc ta’ somma akbar ghax-xoghol ta’ advertising u artwork, liema somma hija certa, likwida u dovuta.

Bl-ispejjez u l-imghax legali minn meta s-somma kienet dovuta kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti mhix debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ Lm4,716.78, imma f’ammont anqas.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja illi din il-kawza hadet ftit fit-tul minhabba l-kunteggi daqsxejn kumplikati illi rrizultaw fir-relazzjonijiet kummercjali li kienu jezistu bejn il-partijiet, bil-verbal tal-25 ta’ Gunju, 2003, il-partijiet qablu illi s-somma illi l-konvenuta ghandha thallas hija ta’ erbat elef, erba’ mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM4,416.78) dana wara ezercizzju komplikat u dettaljat fejn l-attur pprezenta dokumenti inkonfutabbli illi ma setghux jigu kontrastati mill-konvenuta. Fil-fatt din ta’ l-ahhar dejjem ammettiet illi kellha taghti xi ammont lill-attur. Tant hu hekk illi qalet fl-eccezzjoni taghha li l-ammont dovut huwa ferm anqas minn dak rikjest.

Irrizulta illi dana huwa minnu peress illi kien sar zball fejn kien hemm somma ta’ tlitt mitt lira (Lm300) illi ma gietx akkreditata lill-konvenuta. L-istess attur irrikonoxxa dan l-izball u accetta illi s-somma kellha titnaqqas b’dan l-ammont. Ma din id-dikjarazzjoni l-konvenuta accettat l-ammont kif ridott.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, accettata wkoll mill-attur, il-Qorti m’ghandhiex gahlfejn tidhol fid-dettal ghal dak illi

huwa l-meritu u ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-ispejjez.

Fuq dan il-kap, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta ghamlet hazin illi zammet il-pagament dan iz-zmien kollu. Jekk kien hemm xi ammont illi ma kienx *in dispute*, dana messu thallas, fejn allur l-attur, bir-ragun adixxa din il-Qorti biex jiehu sodisfazzjon ta' l-ammont kollu illi kien dovut.

Id-dokumenti illi gew ipprezentati f'dawn l-atti kienu kollha mghoddija lill-konvenuta, illi kieku riedet setghet tezaminhom u tasal ghall-konkluzjoni taghha minghajr ma kien hemm ghalfejn tidhol il-Qorti. Dana ma ghamlitux, zgur sa' l-istadju tal-prezentata ta' l-avviz u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-maggjor parti ta' l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu attribwiti lill-konvenuta.

Minn naha l-ohra, biex issir il-gustizzja, peress illi kien sar zball minn naha ta' l-attur illi seta' gie kkorregut mill-bidu nett, allura hawn hekk il-Qorti ssib illi l-eccezzjoni tal-konvenuta ghandha l-fondament taghha u allura jkun gust illi dina ma tigix attribwita bl-ispejjez kollha, izda biss b'porzjon illi din il-Qorti sejra tiffissa kwantu ghall-tlitt kwarti fuq il-konvenuta u kwart fuq l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, tikkundanna lill-konvenuta illi thallsu s-somma ta' erbat elef, erba' mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,416.78) bilanc ta' somma akbar ghax-xoghol ta' *advertising u artwork*, liema xoghol sar fuq talba ta' l-istess konvenuta.

Bl-isejjez, kwantu ghall-tlitt kwarti ghall-konvenuta u kwart ghall-attur u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta mid-data tan-notifika ta' l-avviz."

L-attur appella minn din is-sentenza b'zewg aggravji rigwardanti d-dekorriment ta' l-imghax u l-mod tal-ispartizzjoni tal-ispejjez gudizzjarji stabbiliti mill-ewwel Qorti. Kwantu ghall-aspett ta' l-imghax hu jilmenta li ghal

kaz kellu jkun applikat dak statwit fl-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili. Dwar l-ispejjez il-lanjanza tieghu hi bazata fuq il-konsiderazzjoni li hu ma kellu jigi akkollat l-ebda porzjoni minnhom, u li f'kull kaz dak determinat mill-Qorti ghandu jitqies sproporzjonat.

Dwar l-ewwel aggravju, jinsab espress fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili illi "jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu 'ipso jure', l-imghaxijiet ighoddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita".

Huwa evidenti minn din id-disposizzjoni illi l-obbligazzjoni tal-interessi hi accessorja in kwantu l-istess norma ma tippresupponix indagini awtonoma mill-kreditu nnifsu.

Dan premess, jirrizulta mill-atti processwali illi r-rapport bejn il-kontendenti kien wiehed ta' natura kummercjali. Dan johrog car mhux biss mid-disposizzjoni relattiva tal-Kodici tal-Kummerc (Art 5), izda hu mistqarr mill-attur appellant (fol 19) u konfermat mill-konvenuta appellata (fol 72) b'tali mod li t-tnejn li huma jaqblu li din l-istess relazzjoni kummercjali kienet ilha fis-sehh ghal numru ta' snin. Dan il-fatt hu wkoll rikonoxxut mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ma jistax allura jkun dubitat illi l-obbligazzjoni li ghaliha jirreferi l-Art 1141 (1) tal-Kap 16 kienet f'dan il-kaz wahda ta' natura kummercjali in kwantu kienet tirrigwarda xoghol ta' provvista ta' reklamar kommissjonat mill-konvenuta appellata. Xoghol dan li, kif gja fiq rilevat, kien minnu nnifsu kostitwenti att tal-kummerc annoverat fost l-elenku dettaljat fl-Artikolu 5 tal-Kap 13. Xoghol adempjut mill-appellanti fil-kors normali ta' l-attivitajiet kummercjali tieghu. Huwa gust ghalhekk li bl-applikazzjoni tal-principju generali tad-dritt sancit fl-imsemmi artikolu l-appellanti kellu jkollu l-pjena tutela ghall-hlas tal-interessi fir-rigward tal-kreditu minnu pretiz.

Ghandu jigi notat illi l-obbligazzjoni li tiddetermina l-mument minn meta l-interessi kellhom jibdew jghoddu ma

kienetx l-ezekuzzjoni ta' l-ordni ta' reklamar imma l-ammont meta l-konvenuta kienet obbligata thallas. F'dan il-kaz, gjaladarba kif emers minn ezami tal-istatements esebiti minn fol 23 sa fol 63, l-konvenuta kienet koncessa facilita` kreditizja ta' tletin (30) jum, il-mument fokali ghad-dekorriment tal-interessi kien dak proprju tal-iskadenza taz-zmien imsemmi minn notifika tal-invoice relattiva ghal liema servizz kien jirreferi.

Stabbilita din l-osservazzjoni, jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a **Vol XXXVIII pIII p642**, fuq l-insenjament tal-gurisprudenza u d-dottrina taljana, illi "debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi "di pieno diritto". Jissokta jigi precizat illi "il sol fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi". Dan ghaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa "di pieno diritto kreditur anke tal-interessi dekorsi mill-gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament".

L-appellanti jillanja li l-ewwel Qorti ma ghamletx sew li l-pagament tal-imghax ghamlitu jghaddi mid-data tal-interpellazzjoni effettiva li saret lill-konvenuta debitrici bin-notifika tal-atti ta' l-avviz. Huwa donnu jikkontendi illi gjaladarba wkoll huwa talab il-hlas ta' ammont specifikat u dan l-ammont ma giex sostanzjalment modifikat, hlief ghar-riduzzjoni ta' tliet mitt lira (Lm300), ergo l-Qorti kellha mbaghad tallaccja l-fatt tad-dekorriment tal-imghax man-natura kummercjali tal-obbligazzjoni. Li jfisser allura, skond din il-kontenzjoni, illi l-interessi kellhom jibdew jghoddu "ipso jure" minn qabel in-notifika tal-Avviz.

Issa minn naha tal-konvenuta appellata, ghallanqas minn dak emers mir-rizultanzi processwali din tidher li tikkampa t-tezi taghha fuq il-fatt li l-pagament jew pagamenti ma sarux mhux bi htija taghha. Fil-kors tax-xhieda taghha tallega li l-istatements prezentati mill-attur ma kienetx rathom (fol 73). Tallega wkoll li l-invoices kienu zbaljati u li allura l-ammont tal-kreditu ma kienx wiehed cert. Fuq dawn il-punti din il-Qorti ma ssibx li din ix-xhieda hi wahda attendibbli. Dan mhux biss ghax hi kontrastata mill-attur appellant (fol 93) izda wkoll ghar-raguni illi l-appellata filli

tghid li ma rathomx u filli tghid li ma kienx jibghatilha "statement korrett" (fol 72). Li jfisser allura li statements kienu jintbaghtulha izda ppretendiet li hallset aktar minn dak indikat fihom.

Kif deciz fis-sentenza a **Vol XXXIX pII p585**, "hawn tqum il-kwestjoni ta' min ghandu jaghmel il-prova. F'dan ir-rigward jehtieg li ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obbligazzjoni. Il-kreditur ghandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur, li tista' tikkonsisti anke f'semplici dewmien; ghandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-htija tad-debitur. Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneri li jipprova li dak l-inadempjent kien dovut ghal xi haga barranija ("causa estranea") li taghha huwa ma kienx responsabbli, jigifieri illi huwa ma kellux htija billi kien mexa bid-diligenza ta' "bonus paterfamilias" (Art 1175 (1) u Art 1176, illum Art 1132 u 1133 tal-Kodici Civili). Jekk imbaghad id-debitur ma jasalx ghal din il-prova huwa jkun fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni, u f'kaz ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni taghha jikkonsistu fl-imghax … …"

Jidher evidenti mill-provi illi l-appellata naqset milli tiskarika dan l-oneru impost fuqha tant li effettivament naqset milli taghmel ezercizzju adegwat ta' verifika u ta' kontroll ta' x'hallset u x'kien ghadu dovut minnha. Il-fatt emersi mill-atti istruttorji wrew illi hi kellha ragun biss relattivament ghas-somma ta' tliet mitt lira. Il-kumplament kien allura cert u ezigibbli u l-konvenuta appellata ma kellha l-ebda raguni valida biex tonqos mill-impenji taghha tal-hlas jew biex tiddilazzjona l-pagament. Dan gie wkoll rilevat fis-sentenza appellata izda mbaghad l-ewwel Qorti naqset milli tapplika ghal kaz il-kundanna tal-hlas tal-imghax kif preskritt fl-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel aggravju hu meritevoli ta' akkoljiment u li allura l-imghax kellu jkun akkordat minn dakinhar li l-obbligazzjoni tal-hlas kellha tigi ezegwita skond ir-rispettivi invoices.

L-appellanti jippretendi wkoll illi ghandu jigi riformat il-mod kif gew spartiti l-ispejjez gudizzjarji. Anke hawn din il-Qorti ssib li dan l-aggravju hu gustifikat. Fir-rigward taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Id-diskrepanza bejn l-ammont mitlub u dak kanonizzat ma kellux jissarraf fil-proporzjoni suggerita. Fic-cirkostanzi kien aktar gustifikat li t-temperament tal-ispejjez ikun fis-sens li l-appellant jaghmel tajjeb ghall-kwattordicesima ($^{1}/_{14}$) parti taghhom.

2. In-nuqqas ta' kolloborazzjoni da parte tal-konvenuta appellata, maghduda wkoll id-dilazzjoni kolpuza taghha, kien jissuggerixxi li l-appellata tbati l-maggjor parti tal-istess spejjes.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' dan l-appell u b'hekk timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tirriafferma l-ammont tal-kreditu kif kanonizzat, tikkundanna lill-konvenuta appellata thallas lill-attur appellant l-imghax skond it-terminu tas-singoli invoices kif ahjar fuq spjegat. Tordna wkoll li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuta appellata salv ghall-kwattordicesima ($^{1}/_{14}$) parti taghhom li jibqghu sopportati mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------